


*L-Istatwa antika tal-Vitorja ħdejn il-pilastru maġġur qrib it-taraġ tal-Presbiterju.*

M. Cauchi / Soċ. Fil. La Vittoria

# L-Istatwa ta' Marija Bambina mal-medda tas-snin

Wara li l-Mellieħa reġgħet saret Parroċċa fil-15 ta' Ġunju ta' l-1844, mill-Isqof ta' Malta Monsinjur Franġisku Saverju Caruana, bħala l-ewwel Kappillan tas-Santwarju għamel lil Dun Pawl Le Brun, li kien l-aħħar Rettur tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u li kien beda l-kariga tiegħu fl-1834. Dun Pawl Le Brun dam Kappillan mill-1 ta' Ġunju, 1844 sal-31 ta' Diċembru, 1848. It-tieni Kappillan tas-Santwarju kien Dun Ġużepp Baldacchino, li beda fl-1 ta' Jannar, 1849, u miet għal għarrieda fil-31 ta' Diċembru, 1879. Dan il-Kappillan għamel ħafna xogħlijiet fis-Santwarju.[1]

"Fl-4 ta' Settembru, 1853, il-Kappillan Dun Ġużepp Baldacchino għamel supplika lill-Isqof (Publiju) Sant biex ikun jista' jaċċetta d-donazzjoni ta' statwa li tirrappreżenta t-Twelid ta' Marija, ħalli tintuża bħala t-Titular tal-Knisja (Santwarju). L-istatwa kienet ġiet ordnata minn Dun Ġużepp Di Stefano, għand skultur tajjeb ta' dak iż-żmien. Dan kien l-istatwarju Belti Pietro Paolo Azzopardi. Kien diġa' naqax fl-injam żewġ statwi titulari għal Għawdex, dik ta' San Ġorġ - fl-1839 - għar-Rabat u dik ta' San Ġwann Battista lejn l-1845 - għax-Xewkija. Di Stefano, meta l-istatwa kienet kważi tlestiet, wera mal-Kappillan li, mhux biss ried jagħmel id-donazzjoni tagħha għall-Parroċċa, imma wiegħed ukoll li jħallas fl-ewwel żmien għal xi ħsara involontarja li tkun saritilha, u li jixgħel xi xemgħat quddiemha fi żmien il-ferħ tal-festa. Il-vara (ta' l-injam) tlestiet fis-6 ta' Settembru, 1853. Hi ġiet minquxa f'numru 7 ta' Strada Ponente, il-Belt Valletta, fejn Azzopardi kellu l-"casabottega" (il-ħanut tax-xogħol) tiegħu. Il-vara tolqotna l-iżjed għar-reqqa li biha l-iskultur ħadem il-pannaġġ tal-mant tal-Madonna. Imbagħad, fi żmien il-Kappillan Dun Karlu Cortis, fl-1916, ir-ras u l-idejn tal-Madonna ntmessu sewwa".[2]

Biex isir dan ir-restawr fuq l-istatwa tal-Madonna fl-1916, kont nisma' lil missieri jgħid li: "Il-Melleħin kienu ilhom jinsistu fuq il-Kappillan Dun Karlu Cortis biex jieħu għar-restawr l-istatwa tal-Bambina - il-Vitorja. Meta, imbagħad, il-Kappillan ra kemm kienet kbira x-xewqa tal-Melleħin li l-istatwa tkun iktar sabiħa milli kienet sa mill-bidu, qalilhom qabel

il-festa tal-Vitorja: "Inħallu din il-festa tgħaddi, u nwiegħedkom li wara l-festa, nibgħatha għar-restawr". U hekk kien.

"Ir-restawr u x-xogħol li sar fuq l-istatwa ta' Marija Bambina, sar minn nies tas-sengħa, bħalma hu l-iskultur Antonio Sapiano, mill-Belt Valletta, li rrestawra l-istatwa l-qadima, fejn irranġalha rasha u jdejha. L-istess Sapiano għamel pedestall ġdid, raġġiera ġdida, bradella bil-bankun rikk tat-tik, biċ-ċipress, skultura fil-ġewż, u erba' simboli skolpiti fil-bankun. Il-pittura tal-wiċċ u l-idejn tal-Bambina saru mill-pittur Ramiro Cali'. L-arġentier Pawlu Pace, mill-Belt Valletta wkoll naddaf u ndura l-istellarju l-qadim u għamel kuruna mperjali tal-fidda ndurata bid-deheb u par sandli tal-fidda ndurat. L-induratur Franġisk Coleiro mill-Belt Valletta, għamel l-induratura klassika lill-istatwa, u ndura wkoll il-pedestall u r-raġġiera.

Mill-Belt Valletta sal-Mellieħa, l-istatwa tal-Madonna (il-Bambina), twasslet fuq l-ispallejn minn gruppi ta' tmienja, li serrħu lil xulxin, filwaqt li dawk li ma kinux jerfgħu, kienu jistrieħu fuq il-karettuni. Iktar ma beda joqrob sbiħ il-jum, iktar Melleħin bdew joħorġu 'l barra mill-Mellieħa biex jiltaqgħu magħhom - mill-Mosta 'l hawn. Għall-ħabta tat-8 ta' filgħodu, dawk li kienu ġejjin bl-istatwa, sabu poplu kbir jistennihom qrib il-Mitħna (tal-Mellieħa). L-istatwa ta' Marija Bambina li kienet merfugħa u akkumpanjata minn għadd kbir ta' Melleħin, ġiet imwassla mill-Mitħna sal-Knisja Parrokkjali, akkompanjata mill-"Banda La Vittoria" - li sa dak iż-żmien kien għadha l-unika Banda Melleħija".[3]

"Fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Schembri, fl-1978, inbeda x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Marija Bambina, fejn sar ħafna xogħol ta' deheb u fidda fuq l-istellarju u l-kuruna, li ġew imżejna wkoll bid-djamanti u ħaġar prezzjuż. Wara li dan ix-xogħol kien lest, l-artist, is-Sur Samwel Bugeja, naddaf il-wiċċ tal-Bambina u poġġa l-kuruna fil-pożizzjoni li tixraq fuq ras l-istatwa tal-Madonna. Dak inhar ukoll, is-sandli ta' riġlejn il-Bambina, kien ġie ndurat bid-deheb u mżejjen bid-djamanti.

Għall-festa ta' l-1979, ġie l-pedestall li fuqu titpoġġa l-istatwa tal-Bambina, li kien għadu kemm ġie restawrat u ndurat bid-deheb mill-induratur, is-Sur Orazio Farrugia, ta' l-Imdina".[4]

Issa ejjew nagħmlu differenza bejn l-istatwa oriġinali li ħarġet minn idejn l-iskultur Pietro Paolo Azzopardi fl-1853 u kif ġiet restawrata mill-iskultur Antonio Sapiano fl-1916.

Jekk tinnutaw sewwa u bir-reqqa l-istatwa oriġinali ta' l-1853, il-ħarsa tal-Madonna kienet 'il quddiem, għad-dritt. Iżda l-ħarsa tal-Madonna restawrata fl-1916 qegħda kemmxejn 'il fuq lejn is-sema u



M. Cauchi / Soċ. Fil. La Vittoria

*L-Istatwa tal-Bambina armata għall-festa kif kienet qabel l-1916*

b'għonqha daqsxejn alzat 'il fuq ukoll.

L-idejn ta' l-istatwa oriġinali kienu f'qagħda mniżżlin iktar 'l isfel u l-pożizzjoni tal-pali ta' l-idejn kienet ħafna differenti minn kif narawha fl-istatwa restawrata. Hawn ta' min isemmi li l-pali ta' idejn l-istatwa l-antika għadna nistgħu narawhom fil-vetrina fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali. Ir-raġġiera ta' l-istatwa l-antika ġiet mibdula ma' oħra isbaħ u iktar eleganti. Anke dak is-sħab li kien hemm taħt riġlejn il-Madonna ġie mibdul f'idea oħra ta' sħab b'ħafna Anġli żgħar fl-istatwa restawrata. L-istatwa oriġinali ma kellhiex kuruna fuq rasha, imma f'dik restawrata hemm kuruna l-ġmiel tagħha. Anke l-pedestall inbidel. Il-qadim kien imdawwar b'erba' Anġli bilqiegħda u minn dawn għadhom jeżistu tnejn biss. U issa naraw pedestall bil-bosta isbaħ. Il-bankun li fuqu tidher l-istatwa l-antika ma kien fih xejn sabiħ. Kien sempliċi kaxxa kwadrata miżbugħa. Imma l-bankun il-ġdid fih injam sabiħ u prezzjuż bi skultura maħduma fin ħafna.

L-istatwa l-antika tal-Vitorja kienet titqiegħed ħdejn il-pilastru maġġur, qrib it-taraġ tal-presbiterju fuq

il-lemin fil-kursija, iżda llum narawha fin-navata tan-nofs fil-kursija tal-Knisja Parrokkjali.

Nagħlaq billi nġib artiklu li deher 150 sena ilu fil-gażżetta "L-Ordine" tas-16 ta' Settembru, 1853 u maqlub għall-Malti mit-Taljan minn Jane Cauchi. Dan jitkellem dwar il-wasla ta' l-istatwa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

**L-entużjażmu tal-Melleħin għall-istatwa tal-Bambina mill-Belt Valletta sal-Mellieħa.**

"Festa Reliġjuża! B'ferħ kbir tagħna, ngħarrfu lill-pubbliku bl-għotja li għamel Mons. Rev. Sac. Dun Ġużepp Di Stefano - Xbieha mill-isbaħ tal-Beata Verġni Marija, intitulata "Tal-Vitorja", lill-Knisja tar-raħal tal-Mellieħa. Lill-imsemmija Knisja, drabi oħra, ir-Rev. Saċerdot, wera lilu nnifsu bħala benefattur kbir, b'għotjiet kbar u sbieħ. Din ix-Xbieha qaddisa, opra eminenti fl-injam ta' Maestro Pietru Pawl Azzopardi, konċittadin tagħna, ġiet imbierka mill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof tagħna Monsinjur Publiju Sant, fis-6 ta' Settembru, 1853.




*L-Istatwa tal-Bambina armata għall-festa kif inhi llum*

Fil-għodwa ta' dak l-istess jum, l-istatwa tal-Bambina ġiet esposta - murija għall-qima pubblika - f'waħda mill-kappelli tal-Knisja tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Filgħaxija, imbagħad, ittieħdet u nġarret lejn il-Knisja, fuq imsemmija - tal-Mellieħa, biex tiġi mqiegħda hemm (fis-Santwarju), għall-jum tal-festa, li hemmhekk tiġi ċċelebrata b'ħafna solennità ta' kull sena.

Il-ftit abitanti ta' San Pawl il-Baħar, mgħarrfa li minn pajjiżhom kellha tgħaddi x-Xbieha qaddisa tal-Madonna, ħallew kollox biex jagħtu lill-Omm tagħhom Qaddisa, laqgħa xierqa - ħaġa li m'għadekx tara f'dawn l-inħawi ta' ħdejn il-baħar. Id-djar kollha - li illum huma numru kbir - kienu kollha mdawla b'mixgħela tant, li max-xatt, kien hemm dehra li qatt ma seħħet qabel. Minn hemm għaddiet ix-Xbieha Qaddisa, fost l-evviva ta' ġemgħa nies - sinjuri u bdiewa. U fuq kollox, dak li sebbaħ aktar din id-dehra, kien il-logħob tan-nar u l-murtali, li dehru jinfdu l-ajru sieket u ħiemed.

In-negozjant Vincenzo Bugeja (dak li se jingħad, hu kollu għall-ġieħ tiegħu), kien wieħed fost dawk li l-aktar li ħabirku f'dan ix-xogħol, biex il-festa tirnexxi sewwa.

Minn San Pawl il-Baħar, ix-Xbieha tal-Madonna baqgħet sejra lejn il-Mellieħa. Ġemgħa ta' nies b'devozzjoni kbira mxiet wara l-Madonna tgħid ir-Rużarju u l-Litanija. Fl-għaxra ta' bil-lejl ta' l-istess jum, li kien lejliet il-festa, waslet fil-Mellieħa, li wkoll kienet kollha mixgħela. . . . . Ix-Xbieha qaddisa, issa, qiegħda fis-Santwarju qadim, esposta għall-qima (venerazzjoni) tal-pubbliku, fejn ser tibqa' monument tad-devozzjoni u tjubija tal- W. Rev. Saċ. Dun Ġużepp di Stefano."

Dak li għamlu l-Melleħin 150 sena ilu - li wrew id-devozzjoni u mħabba lejn il-Verġni Mqaddsa Marija - għall-grazzja ta' Alla - u għall-imħabba li għandha l-Madonna lejna lkoll - għadha ħajja fina wkoll - in-nies ta' llum. U hekk ukoll għandna ngħaddu din l-istess devozzjoni lejn il-Madonna lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

***Dun Mosè Debono***

*Referenzi:*

1 Ġanni Mifsud. *Il-Madonna tal-Mellieħa.* pp. 55, 63.

2 Alexander Bonnici. *Il-Mellieħa.* pp. 110-111.

3 Joseph Cauchi. *Festa Marija Bambina - Mellieħa*: 1853 - 1978.

4 Joseph Cauchi. *Festa Marija Bambina - Mellieħa*: 1985. pp. 17 - 18.